

Brussell, 27 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

10536/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0376 (COD)

ENER 302
ENV 651
TRANS 300
ECOFIN 583
RECH 250
IA 118
CODEC 1144

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: + COR 1 + ADD 1	10284/17
Nru dok. Cion:	15091/16 ENER 413 ENV 754 TRANS 473 ECOFIN1149 RECH 340 IA 124 CODEC 1789 ADD 1 - 13
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija - Eżitu tal-proċedimenti

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness l-approċċ ġenerali dwar il-proposta msemmija hawn fuq li ntlaħaq mill-Kunsill fit-3554 laqgħa tiegħu tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija (Enerġija) li saret fis-26 ta' Ġunju 2017.

Fil-laqgħa tal-Kunsill HU, LV, PL, RO, SK u UK oġġezzjonaw għat-test tal-approċċ ġenerali waqt li BG u SI astjenew. Il-Kummissjoni esprimiet ir-riżerva ġenerali tagħha dwar it-test.

Il-premessi ser jiġu adattati għad-dispożizzjonijiet sostantivi fi stadju aktar tard.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

- (1) Il-moderazzjoni tad-domanda għall-enerġija hija waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija adottata fil-25 ta' Frar 2015. It-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija ser ikun ta' benefiċċju għall-ambjent, inaqas l-emissjonijiet tal-gass serra, itejjeb is-sigurtà tal-enerġija bit-tnaqqis tad-dipendenza mill-importazzjonijiet tal-enerġija minn barra l-Unjoni, jaqta' l-ispiża tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għall-kumpaniji, jgħin biex itaffi l-faqar fl-enerġija u jwassal għal żieda fl-impjiegi u fl-attività ekonomika fl-ekonomija kollha. Dan huwa konformi mal-impenji tal-Unjoni magħmula fil-qafas tal-Unjoni tal-Enerġija u fl-aġenda tal-klima globali stabbilita fil-Ftehim ta' Pariġi ta' Diċembru 2015 mill-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.
- (2) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ hija element għall-progress lejn l-Unjoni tal-Enerġija li taħtha l-effiċjenza fl-enerġija jenħteġ li tiġi ttrattata bħala sors tal-enerġija fiha nnifisha. Għandu jitqies il-prinċipju li l-"effiċjenza fl-enerġija tiġi l-ewwel" meta jiġu stabbiliti regoli ġodda għan-naħa tal-provvista u għal oqsma ta' politika oħra. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-effiċjenza fl-enerġija u r-rispons tan-naħa tad-domanda jkunu jistgħu jikkompetu fuq termini ekwi mal-kapaċità tal-ġenerazzjoni. Jenħteġ li l-effiċjenza fl-enerġija tiġi kkunsidrata fl-ippjanar ta' sistemi tal-enerġija rilevanti jew kull meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-finanzjamenti. Irid isir titjib enerġetiku effiċjenti kull meta dan ikun iżjed kosteffettiv minn soluzzjonijiet mil-lat tal-provvista li jkunu ekwivalenti. Dan għandu jgħin biex jiġu sfruttati d-diversi benefiċċji tal-effiċjenza fl-enerġija għas-soċjetà tal-Ewropa, b'mod partikolari għaċ-ċittadini u għan-negozji.
- (3) Il-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 stabbilixxa mira ta' 27 % ta' effiċjenza fl-enerġija għall-2030, li għandha tiġi riveduta sal-2020 "b'kont meħud ta' livell tal-Unjoni ta' 30 %". F'Diċembru 2015, il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tivvaluta wkoll il-vijabbiltà ta' mira ta' 40 % għall-effiċjenza fl-enerġija għall-istess perijodu ta' żmien. Għalhekk huwa xieraq li d-Direttiva tiġi riveduta u konsegwentement emendata biex tiġi adattata għall-perspettiva tal-2030.

¹ Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

- (4) Ma hemm l-ebda mira vinkolanti fil-livell nazzjonali fil-perspettiva tal-2030. Il-ħtieġa tal-Unjoni li tilħaq il-miri tagħha għall-effiċjenza fl-enerġija fil-livell tal-UE, espressi f'konsum tal-enerġija primarja u finali, fl-2020 u fl-2030 jenħtieġ li tiġi stabbilita b'mod ċar fil-forma ta' mira vinkolanti ta' 30 %. Din il-kjarifika fil-livell tal-Unjoni ma għandhiex tirrestrinġi lill-Istati Membri għaliex il-libertà tagħhom tinżamm biex ikunu jistgħu jistabbilixxu l-kontribut nazzjonali tagħhom abbażi tal-konsum tal-enerġija primarja jew finali, jew tal-iffrankar tal-enerġija primarja jew finali, jew tal-intensità tal-enerġija. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-kontribuzzjonijiet indikattivi nazzjonali tagħhom tal-effiċjenza fl-enerġija nazzjonali filwaqt li jqisu li l-konsum tal-enerġija tal-Unjoni għall-2030 ma jridx ikun aktar minn 1 321 Mtoe ta' enerġija primarja u/jew mhux aktar minn 987 Mtoe ta' enerġija finali. Dan ifisser li l-konsum ta' enerġija primarja għandu jitnaqqas bi 23 % u li l-konsum ta' enerġija finali għandu jitnaqqas bi 17 % fl-Unjoni meta mqabbel mal-livelli tal-2005. Evalwazzjoni regolari tal-progress lejn il-kisba tal-mira tal-Unjoni għall-2030 hija neċessarja u hija stipulata fil-proposta leġislattiva dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija.
- (5) L-obbligu fuq l-Istati Membri li jistabbilixxu strateġiji fit-tul għall-mobilizzazzjoni tal-investiment fir-rinnovament tal-istokk tal-bini nazzjonali tagħhom u jinnotifikawhom lill-Kummissjoni jenħtieġ li jitneħħa mid-Direttiva 2012/27/UE u jiżdied mad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ fejn jaqbel mal-pjanijiet fit-tul għal bini b'użu tal-enerġija qrib iż-żero u d-dekarbonizzazzjoni tal-bini.
- (6) Fid-dawl tal-qafas tal-klima u l-enerġija għall-2030 l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija għandu jiġi estiż lil hinn mill-2020. L-estensjoni tal-perijodu ta' impenn lil hinn mill-2020 jaf joħloq aktar stabbiltà għall-investituri u b'hekk jinkoraġġixxi l-investimenti fit-tul u miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija fit-tul, bħar-rinnovament tal-bini.

¹ Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

- (7) L-Istati Membri huma mitluba jilhqg r-rekwiżit kumulattiv għall-iffrankar fl-użu finali għall-perijodu kollu ta' obbligu, ekwivalenti għal iffrankar "ġdid" ta' 1.5 % tal-bejgħ tal-enerġija annwali. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi ssodisfat minn miżuri ġodda ta' politika li huma adottati matul il-perijodu l-ġdid ta' obbligu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 jew minn azzjonijiet individwali ġodda bħala riżultat ta' miżuri ta' politika adottati matul jew qabel il-perijodu preċedenti, imma li fir-rigward taġġhom l-azzjonijiet individwali li jiskattaw l-iffrankar tal-enerġija huma fil-fatt introdotti matul il-perijodu l-ġdid.
- (7a) Madankollu, l-impożizzjoni ta' rekwiżit bħal dan fuq Stati Membri insulari żgħar tkun sproporzjonata. Is-suq tal-enerġija ta' daww l-Istati Membri fil-fatt għandu karatteristiċi speċifiċi li jillimitaw sostanzjalment il-firxa ta' miżuri disponibbli biex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija, bħalma huma distributur tal-elettriku wieħed, in-nuqqas ta' netwerks ta' gass naturali u netwerks distrettwali ta' tisħin u tkessiħ, kif ukoll iċ-ċokon tal-kumpanniji tad-distribuzzjoni ta' prodotti petroliferi. Dawn il-karatteristiċi speċifiċi huma aggravati biċ-ċokon tas-suq tal-enerġija ta' daww l-Istati Membri. Għalhekk, l-Istati Membri insulari ż-żgħar jenħtieġ li jkunu obbligati jiksbi biss iffrankar kumulattiv fl-użu finali ekwivalenti għal 0.8 % tal-bejgħ ta' enerġija annwali għall-perijodu 2021-2030.
- (8) Il-miżuri fit-tul tal-effiċjenza fl-enerġija ser ikomplu jipprovdu l-iffrankar tal-enerġija wara l-2020 imma sabiex jikkontribwixxu għall-mira li jmiss għall-effiċjenza fl-enerġija tal-Unjoni għall-2030, daww il-miżuri għandhom iwasslu għal iffrankar ġdid wara l-2020. Min-naħa l-oħra, l-iffrankar tal-enerġija miksub wara l-31 ta' Diċembru 2020 ma jistax jgħodd lejn l-ammont ta' ffrankar kumulattiv meħtieġ għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

- (9) L-iffrankar ġdid għandu jkun addizzjonali għal dak li jsir is-soltu, biex l-iffrankar li xorta waħda kien isir ma jkunx jista' jiġi ddikjarat. Sabiex jiġi kkalkulat l-impatt tal-miżuri introdotti, jista' jingħadd biss l-iffrankar nett, imkejjejl bħala l-bidla fil-konsum tal-enerġija li tista' tiġi attribwita direttament għall-miżura tal-effiċjenza fl-enerġija inkwistjoni. Sabiex jiġi kkalkulat l-iffrankar nett, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu xenarju bażi ta' kif is-sitwazzjoni tevolvi fin-nuqqas tal-politika inkwistjoni. L-intervent tal-politika jenħtieġ li jiġi evalwat kontra din il-linja bażi ddefinita. L-Istati Membri għandhom iqisu li interventi oħra ta' politika jistgħu jitwettqu fl-istess perijodu ta' żmien li wkoll jista' jkollhom impatt fuq l-iffrankar tal-enerġija, sabiex mhux il-bidliet kollha osservati sa mill-introduzzjoni tal-intervent ta' politika li qed jiġi evalwat jista' jiġi attribwit għal dik il-miżura ta' politika biss. L-azzjonijiet tal-parti obbligata, parteċipanti jew inkarigata għandhom jikkontribwixxu realment għall-kisba tal-iffrankar iddikjarat biex ikun issodisfat ir-rekwiżit tal-materjalità.

- (10) L-iffrankar tal-enerġija li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni ma jistax jiġi ddikjarat diment li l-miżura inkwistjoni ma tmurx lil hinn mill-minimu rikjest mill-leġislazzjoni tal-Unjoni inkwistjoni, kemm bl-istabbiliment ta' rekwiżiti iktar ambizzjużi tal-effiċjenza fl-enerġija fil-livell nazzjonali u kemm biż-żieda fl-adozzjoni tal-miżura. Filwaqt li jkun rikonoxxut il-fatt li r-rinnovament tal-bini huwa element essenzjali fuq perijodu fit-tul biex jiżdied l-iffrankar tal-enerġija, jenħtieġ li jkun iċċarat li l-iffrankar kollu tal-enerġija li jirriżulta minn miżuri li jippromwovu r-rinnovament ta' bini eżistenti jista' jiġi ddikjarat jekk dan ikun addizzjonali għall-iżviluppi li jkunu saru fin-nuqqas tal-miżura ta' politika u jekk l-Istat Membru juri li l-parti obbligata, parteċipanti jew inkarigata kkontribwiet realment għall-kisba tal-iffrankar iddikjarat mill-miżura inkwistjoni. Ir-rinnovament jenħtieġ li jinftiehem li jkopri r-rinnovament tal-bini, l-allokazzjoni tal-bini u l-elementi tal-bini inkluż sistemi tekniċi tal-bini. L-installazzjoni ta' tagħmir individwali waħdu ma jitqiesx bħala "sistema".
- (11) Skont l-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija u l-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, ir-regoli tal-monitoraġġ u l-verifika jinħtieġu li jingħataw prominenza akbar, inkluż ir-rekwiżit li jiġi ċċekkjat kampjun statistikament rappreżentattiv tal-miżuri. Ir-referenzi għal "proporzjon statistikament sinifikanti u kampjun rappreżentattiv" għandhom jinftiehem li jirrikjedu l-istabbiliment ta' subsett tal-popolazzjoni tal-istatistika (ta' miżuri ta' ffrankar tal-enerġija) b'tali mod li jirriflettu b'mod preċiż il-popolazzjoni kollha inkwistjoni (il-miżuri kollha ta' ffrankar tal-enerġija), u b'hekk jippermettu li joħorġu konklużjonijiet raġonevoli rigward il-fiduċja fit-totalità tal-miżuri.

- (12) It-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija tal-bini għandu jkun ta' benefiċċju b'mod partikolari għall-konsumaturi affettwati mill-faqar fl-enerġija. L-Istati Membri diġà jistgħu jitolbu lill-partijiet obbligati jinkludu għanijiet soċjali fil-miżuri tal-iffrankar tal-enerġija, fir-rigward tal-faqar fl-enerġija, u issa din il-possibbiltà għandha tiġi estiża għal miżuri alternattivi u ttrasformata f'obbligu filwaqt li titħalla l-flessibbiltà sħiħa għall-Istati Membri fir-rigward tad-daqs, l-ambitu u l-kontenut ta' dawn il-miżuri. F'konformità mal-Artikolu 9 tat-Trattat, il-politiki tal-Unjoni dwar l-effiċjenza fl-enerġija għandhom ikunu inklużivi u għalhekk jiżguraw ukoll l-aċċessibbiltà tal-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija għall-konsumaturi f'faqar fl-enerġija.
- (13) L-enerġija ġġenerata fuq jew fil-bini minn teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli tnaqqas l-enerġija fossili fornuta. It-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tal-bini huma miżuri importanti biex inaqqsu d-dipendenza fuq l-enerġija tal-Unjoni u l-emissjonijiet tal-gass serra, b'mod speċjali fid-dawl tal-oġettivi ambizzjużi dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti għall-2030 kif ukoll l-impenn globali li ttieħed fil-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) li saret f'Pariġi f'Diċembru 2015. Għall-finijiet tal-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija fl-Artikolu 7 l-Istati Membri għandhom għaldaqstant ikunu kapaċi jqisu l-iffrankar tal-enerġija permezz tal-enerġija rinnovabbli ġġenerata fuq jew fil-bini għall-użu proprju sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom għall-iffrankar tal-enerġija.

- (14) Bħala parti mill-miżuri stabbiliti fil-Patt Ġdid għall-Konsumaturi tal-Enerġija tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, fil-kuntest tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Istrateġija dwar it-Tisħin u t-Tkessiħ, id-drittijiet minimi tal-konsumaturi għal informazzjoni ċara u fil-ħin dwar il-konsum tal-enerġija tagħhom jeħtieġ li jissaħħu. Għalhekk jenħtieġ li l-Artikoli 9 sa 11 u l-Anness VII tad-Direttiva 2012/27/UE jiġu emendati biex jipprevedu feedback frekwenti u mtejjeb dwar il-konsum tal-enerġija, meta dan ikun teknikament fattibbli u kosteffiċjenti bil-ħsieb tal-apparati ta' kejl fil-post. Jenħtieġ li jiġi ċċarat li jekk il-kejl separat hux kosteffiċjenti jew le jiddependi minn jekk l-ispejjeż relatati humiex proporzjonati meta mqabbla mal-iffrankar potenzjali ta' enerġija. Il-valutazzjoni ta' dan tista' tqis l-effett ta' miżuri konkreti oħra ppjanati f'bini partikolari, bħal pereżempju rinnovament li jkun ser isir. Għandu jiġi ċċarat ukoll li d-drittijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kontijiet u mal-informazzjoni tal-kontijiet jew il-konsum japplikaw għall-konsumaturi tat-tisħin, it-tkessiħ jew l-ilma sħun provdut minn sors ċentrali anki meta ma jkollhomx relazzjoni kuntrattwali individwali diretta ma' fornitur tal-enerġija. Id-definizzjoni tat-terminu "konsumatur aħħari" tista' tinftiehem li tinkludi biss persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jixtru l-enerġija abbażi ta' kuntratt dirett u individwali ma' fornitur tal-enerġija. Għaldaqstant, għall-finijiet ta' dawn id-dispożizzjonijiet, it-terminu 'utent aħħari' għandu jiġi introdott biex jirreferi għal grupp ikbar ta' konsumaturi. It-terminu "utent aħħari" għandu, flimkien mal-konsumaturi finali li jixtru t-tisħin, it-tkessiħ jew l-ilma sħun għall-użu tagħhom stess, ikopri wkoll l-okkupanti ta' unitajiet individwali ta' binjiet b'aktar minn appartement jew użu wieħed fejn dawn l-unitajiet jiġu fornuti minn sors ċentrali u fejn l-okkupanti m'għandhom ebda kuntratt dirett jew individwali mal-fornitur tal-enerġija. It-terminu "kejl separat tal-konsum" għandu jirreferi għall-kejl tal-konsum f'unitajiet individwali ta' tali bini. Sal-1 ta' Jannar 2020 arloġġi tas-sħana u allokatari tal-ispiża tat-tisħin installati ġodda għandhom ikunu jinqraw mill-bogħod biex jiżguraw l-ġhoti kosteffikaċi u frekwenti tal-informazzjoni dwar il-konsum. L-Artikolu 9a l-ġdid huwa maħsub biex japplika biss għat-tisħin, għat-tkessiħ u għall-ilma sħun fornut minn sors ċentrali. L-Istati Membri huma ħielsa li jiddeċiedu jekk teknoloġiji li jinqraw waqt il-mixi/is-sewqan minn hdejjhom għandhomx jitqiesu li jinqraw mill-bogħod jew le. Apparati li jinqraw mill-bogħod ma jeħtiġux aċċess għal appartamenti jew unitajiet individwali biex jinqraw.

- (14a) Biex tiġi żgurata trasparenza fil-kontabilità tal-konsum individwali ta' enerġija termali u b'hekk tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-kejl separat tal-konsum, l-Istati Membri għandhom jagħmlu pubblika kwalunkwe regola nazzjonali applikabbli dwar l-allokazzjoni tal-ispiża tal-konsum ta' tiżhin, tkessiġ u ilma sħun f'binjiet b'aktar minn appartament jew użu wieħed. Minbarra t-trasparenza, l-Istati Membri jistgħu jkunu jixtiequ jieħdu miżuri li jsaħħu l-kompetizzjoni fil-provvista tas-servizzi ta' kejl separat tal-konsum u b'hekk jgħinu biex jiġi żgurat li l-ispejjeż kollha mġarrba mill-utenti aħħarin ikunu raġonevoli.
- (15) Ċerti dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2012/27/UE dwar it-trasformazzjoni, it-trasmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija jenħtieġ li jitħassru. Ir-rieżami tal-*acquis* fil-qasam tal-enerġija jista' jirriżulta fl-obbligi tal-Istati Membri taħt l-atti differenti relatati mal-enerġija jiġu strutturati b'mod differenti. Dan ir-ristrutturar ma għandux jaffettwa l-obbligu tal-Istati Membri li jikkonformaw mar-rekwiżiti sostantivi tad-Direttiva 2012/27/UE li jistgħu jiġu introdotti mill-ġdid, kompletament jew parzjalment, fatti oħra.
- (16) Sabiex jirrifletti l-progress teknoloġiku u s-sehem dejjem jikber tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, il-koeffiċjent awtomatiku għall-iffrankar f'kWh ta' elettriku għandu jiġi rivedut sabiex jirrifletti t-tibdil fil-fattur tal-enerġija primarja (PEF) għall-elettriku. Il-kalkoli tal-PEF għall-elettriku huma bbażati fuq valuri medji annwali. Il-Metodu tal-kontabilità tal-kontenut tal-enerġija fiżika huwa użat għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana nukleari u l-Metodu tal-effiċjenza tal-konverżjoni teknika huwa użat għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana minn karburanti fossili u bijomassa. Għall-enerġija rinnovabbli mhux kombustibbli, il-metodu huwa l-ekwivalenti dirett ibbażat fuq l-approċċ tal-Enerġija primarja totali. Biex jiġi kkalkulat is-sehem tal-enerġija primarja għall-elettriku f'CHP, jiġi applikat il-metodu stabbilit fl-Anness II tad-Direttiva 2012/27/UE. Il-pożizzjoni medja tas-suq hija użata pjuttost milli waħda marġinali. L-effiċjenzi tal-konverżjoni huma preżunti li huma 100 % għal rinnovabbli mhux kombustibbli, 10 % għal impjanti ġeotermali u 33 % għal impjanti tal-enerġija nukleari. L-effiċjenza totali għall-koġenerazzjoni hija kkalkulata fuq il-bażi tal-aktar data reċenti mill-Eurostat. Fir-rigward tal-konfini tas-sistema l-PEF huwa 1 għas-sorsi kollha tal-enerġija. Il-kalkoli huma bbażati fuq l-aktar verżjoni reċenti tax-Xenarju ta' Referenza PRIMES. Il-valur tal-PEF huwa bbażat fuq il-projezzjoni għall-2020. L-analiżi tkopri l-Istati Membri tal-UE u n-Norveġja. Is-sett tad-data għan-Norveġja huwa bbażat fuq id-data tal-ENTSO-E.

- (17) Sabiex jiġi żgurat li l-Annessi tad-Direttiva u l-valuri ta' referenza armonizzati għall-effiċjenza msemmija fl-Artikolu 14(10) ikunu jistgħu jiġu aġġornati, jenħtieġ li d-delega tas-setgħat mogħtija tiġi estiża lill-Kummissjoni.
- (18) Sabiex tkun tista' tiġi evalwata l-effettività tad-Direttiva 2012/27/UE, għandu jiġi introdott rekwiżit għal rieżami ġenerali tad-Direttiva u għal rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-28 ta' Frar 2024.
- (19) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni fuq dokumenti ta' spjegazzjoni¹, l-Istati Membri ntrabtu li jakkumpanjaw, f'każijiet iġġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata.
- (20) Id-Direttiva 2012/27/UE għalhekk jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

¹ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

Artikolu 1

Id-Direttiva 2012/27/UE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1 il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

'1. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' miżuri għall-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija fi ħdan l-Unjoni sabiex jiġi żgurat li l-miri ewlenin tal-UE ta' 20 % għall-2020 u l-miri ewlenin tagħha ta' 30 % għall-2030 dwar l-effiċjenza fl-enerġija jintlaħqu u jwittu t-triq għal aktar titjib fl-effiċjenza fl-enerġija lil hinn minn dawk id-dati. Hija tistabbilixxi regoli mfassla sabiex ineħħu l-ostakli fis-suq tal-enerġija u sabiex jegħlbu n-nuqqasijiet tas-swieq li jimpedixxu l-effiċjenza fil-provvista u fl-użu tal-enerġija, u tipprovdi sabiex ikunu stabbiliti miri nazzjonali indikattivi għall-effiċjenza fl-enerġija u l-kontributi għall-2020 u l-2030.';

(2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Artikolu 3

Miri għall-effiċjenza fl-enerġija

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi mira indikattiva nazzjonali għall-2020 għall-effiċjenza fl-enerġija, abbażi tal-konsum tal-enerġija primarja jew tal-enerġija finali, l-iffrankar tal-enerġija primarja jew tal-enerġija finali, jew l-intensità tal-enerġija. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk il-miri lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 24(1) u mal-Parti 1 tal-Anness XIV. Meta jagħmlu dan, huma għandhom jesprimu wkoll dawk il-miri f'termini ta' livell assolut ta' konsum primarju tal-enerġija u konsum finali tal-enerġija fl-2020 u għandhom jispjegaw kif, u abbażi ta' liema data, dan ġie kkalkulat.

Meta jistabbilixxu dawk il-miri, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont:

- (a) li l-konsum tal-enerġija tal-Unjoni għall-2020 ma jridx ikun aktar minn 1 483 Mtoe ta' enerġija primarja jew mhux aktar minn 1 086 Mtoe ta' enerġija finali;
- (b) tal-miżuri previsti f'din id-Direttiva;

- (c) tal-miżuri adottati biex jintlaħqu l-miri nazzjonali tal-iffrankar tal-enerġija adottati skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/32/KE; u
- (d) ta' miżuri oħrajn biex tiġi promossa l-effiċjenza fl-enerġija fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni.

Meta jistabbilixxu dawk il-miri, l-Istati Membri jistgħu jqisu wkoll iċ-ċirkostanzi nazzjonali li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija primarja, pereżempju:

- (a) il-potenzjal li fadal biex tiġi ffrankata l-enerġija b'mod kosteffettiv;
- (b) l-evoluzzjoni u l-previżjoni tal-PDG;
- (c) il-bidliet fl-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-enerġija;
- (d) l-iżvilupp tas-sorsi kollha ta' enerġiji rinnovabbli, l-enerġija nukleari, il-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju; u
- (e) azzjoni bikrija.

2. Sat-30 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-progress miksub u jekk hux probabbli li l-Unjoni ser tikseb il-konsum ta' enerġija ta' mhux aktar minn 1 483 Mtoe ta' enerġija primarja u/jew mhux aktar minn 1 086 Mtoe ta' enerġija finali fl-2020.

3. Fit-twettiq tar-rieżami msemmi fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha:

- (a) tgħodd il-miri nazzjonali indikattivi għall-effiċjenza fl-enerġija rrappurtati mill-Istati Membri;
- (b) tivvaluta jekk it-total ta' dawk il-miri jistax jiġi kkunsidrat gwida affidabbli dwar jekk l-Unjoni bis-siġh hijiex fit-triq it-tajba, filwaqt li titqies l-evoluzzjoni tal-ewwel rapport annwali skont l-Artikolu 24(1), u l-evalwazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-effiċjenza fl-enerġija f'konformità mal-Artikolu 24(2);

- (c) tqis l-analiżi komplementari li tirriżulta:
- (i) minn valutazzjoni tal-progress fil-konsum tal-enerġija assolut, u fil-konsum tal-enerġija skont l-attività ekonomika fil-livell tal-Unjoni, inkluż il-progress fl-effiċjenza tal-provvista tal-enerġija fl-Istati Membri li bbażaw il-miri indikattivi tagħhom fuq il-konsum tal-enerġija finali jew l-iffrankar tal-enerġija finali, inkluż il-progress bis-saħħa tal-konformità ta' dawn l-Istati Membri mal-Kapitolu III ta' din id-Direttiva;
 - (ii) mir-riżultati mill-eżerċizzji ta' mmudellar relatati max-xejriet futuri fil-konsum tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni.
- (d) tqabbel ir-riżultati skont il-punti (a) sa (c) mal-kwantità tal-konsum tal-enerġija li tkun meħtieġa biex jinkiseb konsum tal-enerġija ta' mhux aktar minn 1 483 Mtoe ta' enerġija primarja u/jew mhux aktar minn 1 086 Mtoe ta' enerġija finali fl-2020.

3a. Sal-31 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-Unjoni tkunx laqgħet il-miri ewlenin tagħha għall-2020.

4. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet indikattivi nazzjonali għall-effiċjenza fl-enerġija lejn il-mira tal-Unjoni għall-2030 imsemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 1 f'konformità mal-Artikoli [4] u [6] tar-Regolament (UE) XX/20XX [il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija]. Meta jistabbilixxu daww il-kontribuzzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li l-konsum tal-enerġija tal-Unjoni għall-2030 ma jridx ikun aktar minn 1 321 Mtoe ta' enerġija primarja u/jew mhux aktar minn 987 Mtoe ta' enerġija finali. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dwar daww il-kontribuzzjonijiet lill-Kummissjoni bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima f'konformità mal-proċedura skont l-Artikoli [3] u [7] sa [11] tar-Regolament (UE) XX/20XX [il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija].";

(3) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Artikolu 7

Obbligu tal-iffrankar tal-enerġija

1. L-Istati Membri għandhom jiksibu ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali tal-anqas ekwivalenti għal:

(a) iffrankar ġdid kull sena mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 ta' 1.5 % tal-bejgħ annwali tal-enerġija lill-klijenti aħħarin skont il-volum, fuq medja tal-aktar perijodu ta' tliet snin reċenti qabel l-1 ta' Jannar 2013;

(b) iffrankar ġdid kull sena

- mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2025 ta' 1.5 % tal-bejgħ annwali tal-enerġija lill-klijenti aħħarin skont il-volum, fuq medja tal-aktar perijodu ta' tliet snin reċenti qabel l-1 ta' Jannar 2019;

- mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2030 ta' 1.0 % tal-bejgħ annwali tal-enerġija lill-klijenti aħħarin skont il-volum, fuq medja tal-aktar perijodu ta' tliet snin reċenti qabel l-1 ta' Jannar 2019.

B'deroga, l-Istati Membri insulari ż-żgħar għandhom jiksibu ffrankar ġdid kull sena mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 ekwivalenti ta' 0.8 % tal-bejgħ annwali tal-enerġija lill-klijenti aħħarin skont il-volum, fuq medja tal-aktar perijodu ta' tliet snin reċenti qabel l-1 ta' Jannar 2019.

Għall-finijiet tal-punt (b), u bla ħsara għall-paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-iffrankar tal-enerġija li jirriżulta minn miżuri ta' politika, kemm jekk introdotti wara l-31 ta' Diċembru 2020 jew qabel, dejjem jekk dawk il-miżuri jirriżultaw f'azzjonijiet individwali ġodda li jitwettqu wara l-31 ta' Diċembru 2020.

Il-bejgħ tal-enerġija, skont il-volum, użata fit-trasport jista' jiġi parzjalment jew kompletament eskluż minn dawn il-kalkoli.

L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif il-kwantità kkalkulata tal-iffrankar il-ġdid għandha titqassam f'fażijiet fuq kull perijodu msemmija fil-punt(a) u (b) sakemm l-iffrankar kumulattiv totali meħtieġ ikun intlaħaq sal-aħħar ta' kull perijodu.

2. Soġġett għall-paragrafu 3, kull Stat Membru jista':

- (a) jwettaq il-kalkolu meħtieġ fil-punt (a) tal-paragrafu 1 billi juża valuri ta' 1 % fl-2014 u fl-2015; 1.25 % fl-2016 u fl-2017; u 1.5 % fl-2018, fl-2019 u fl-2020;
- (b) jeskludi mill-kalkolu parti mill-bejgħ jew il-bejgħ kollu, skont il-volum, tal-enerġija użata f'attivitajiet industrijali elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE;
- (c) jippermetti li l-iffrankar tal-enerġija miksub fis-setturi tat-trasformazzjoni, id-distribuzzjoni u t-trasmissjoni tal-enerġija, inkluża infrastruttura effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ distrettwali, b'riżultat tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14(4), il-punt (b) tal-Artikolu 14(5) u l-Artikolu 15(1) sa (6) u (9) li għandhom jingħaddu mal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ skont il-paragrafu 1;
- (d) jgħodd l-iffrankar tal-enerġija li jirriżulta minn azzjonijiet individwali li għandhom kemm ġew implimentati mill-31 ta' Diċembru 2008 u li jkun għad għandhom impatt fl-2020 u lil hinn u li jista' jitkejjel u jiġi vverifikat, mal-ammont tal-iffrankar tal-enerġija msemmi fil-paragrafu 1;
- (e) jgħodd l-iffrankar tal-enerġija li jirriżulta minn miżuri ta' politika sakemm jista' jintwera li daww il-miżuri jirriżultaw f'azzjonijiet individwali mwettqa wara l-1 ta' Jannar 2018 u qabel l-31 ta' Diċembru 2020 li ser iwasslu għal iffrankar wara l-31 ta' Diċembru 2020.
- (f) jeskludi mill-kalkolu tar-rekwiżit tal-iffrankar tal-enerġija msemmi fil-paragrafu 1 30 % tal-ammont verifikabbli tal-enerġija ġġenerata fuq jew fil-bini għal użu proprju b'riżultat ta' miżuri ta' politika li jippromwovu l-installazzjoni ta' teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli.

3. L-għażliet kollha magħżula skont il-paragrafu 2 meħuda flimkien iridu jammontaw għal mhux aktar minn 35 % tal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija msemmi fil-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom japplikaw u jikkalkulaw l-effett tal-għażliet magħżula għall-perijodi msemmi fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 separatament:

- (a) għall-kalkolu tal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ għall-perijodu msemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-punti (a), (b), (c), u (d) tal-paragrafu 2;
- (b) għall-kalkolu tal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ għall-perijodu msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-punti (b), (c), u (d) tal-paragrafu 2, sakemm l-azzjonijiet individwali fis-sens tal-punt (d) ikomplu jkollhom impatt verifikabbli u li jista' jitkejjel wara l-31 ta' Diċembru 2020.

4. L-iffrankar tal-enerġija miksub wara l-31 ta' Diċembru 2020 ma jistax jgħodd mal-ammont ta' ffrankar kumulattiv meħtieġ għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

4a. L-Istati Membri li jaqbz u l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv meħtieġ bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2020 jistgħu jgħoddu kwalunkwe ffrankar eċċessiv mal-ammont tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv meħtieġ għall-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2030.

4b. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-partijiet obbligati jgħoddu l-iffrankar li jiksibu f'sena partikolari bħallikieku kisbuh fi kwalunkwe waħda mill-erba' snin preċedenti jew mit-tliet snin sussegwenti sakemm dan ma jmurx lil hinn mit-tmiem tal-perijodi ta' obbligu stabbiliti fil-paragrafu 1, dment li l-iffrankar f'eċċess miksub mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 jista' jingħadd biex jiġi ssodisfati l-obbligi bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2030.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iffrankar li jirriżulta minn miżuri ta' politika msemmi fl-Artikoli 7a u 7b u l-Artikolu 20(6) jiġi kkalkulat skont l-Anness V.

6. L-Istati Membri għandhom jiksibu l-ammont meħtieġ ta' ffrankar skont il-paragrafu 1 billi jistabbilixxu skema tal-obbligi tal-effiċjenza fl-enerġija msemmija fl-Artikolu 7a jew billi jadottaw miżuri alternattivi msemmija fl-Artikolu 7b. L-Istati Membri jistgħu jikkombinaw skema tal-obbligi tal-effiċjenza fl-enerġija ma' miżuri ta' politika alternattivi.

6a. Fit-tfassil tal-miżuri ta' politika msemmija fl-Artikolu 7a u 7b, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-ħtieġa li l-faqar enerġetiku jittaffa, f'konformità mal-kriterji definiti mill-Istati Membri u filwaqt li jittieħed kont tal-prattiki eżistenti tagħhom f'dan il-qasam.¹;

7. L-Istati Membri għandhom juru li meta jkun hemm trikkib fl-impatt ta' miżuri ta' politika jew azzjonijiet individwali, ma jsirx għadd doppju ta' ffrankar tal-enerġija.";

8. Sat-30 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-progress miksub lejn il-miri ewlenin stabbiliti fl-Artikolu 3(4) u jekk fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-valur stabbilit fit-tieni inċiż tal-paragrafu 1(b) għandux jiżdied sa 1.5 % għall-perijodu 2026-2030. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġislattiva għal dan il-għan.

(4) Jiddaħħlu l-Artikoli 7a u 7b li ġejjin:

¹ Soġġett għall-eżitu tad-diskussjonijiet rigward id-Direttiva [XXXX] dwar regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku, l-Artikolu 29 ta' dik id-Direttiva jista' jkun soġġett għal kontroreferenzi.

Skemi ta' obbligi ta' effiċjenza fl-enerġija

1. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jissodisfaw l-obbligi tagħhom biex jiksbu l-ammont ta' ffrankar meħtieġ skont l-Artikolu 7 (1) permezz ta' skema ta' obbligi ta' effiċjenza fl-enerġija huma għandhom jiżguraw li l-partijiet obligati msemija fil-paragrafu 2 li joperaw fit-territorju ta' kull Stat Membru jiksbu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7(2), ir-rekwiżit tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiva fl-użu finali stabbilita fl-Artikolu 7(1).
2. L-Istati Membri għandhom jinnominaw, abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji, partijiet obligati fost id-distributuri tal-enerġija u/jew kumpaniji li jbigħu l-enerġija fil-livell tal-konsum li joperaw fit-territorju tiegħu u dawn jistgħu jinkludu distributuri tal-karburant għat-trasport jew bejjieġha fil-livell tal-konsum tal-karburant għat-trasport li joperaw fit-territorju tiegħu. L-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ biex jiġi ssodisfat l-obbligu għandu jinkiseb mill-partijiet obligati fost il-klijenti aħħarin, nominati mill-Istat Membru, indipendentement mill-kalkolu magħmul fl-Artikolu 7(1), jew, jekk l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, permezz ta' ffrankar iċċertifikat li jkun ġej minn partijiet oħra kif deskritt fil-punt (b) tal-paragrafu 5.
3. L-Istati Membri għandhom jesprimu l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ minn kull parti obligata f'termini ta' konsum tal-enerġija finali jew primarja. Il-metodu magħżul biex jiġi espress l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ għandu jintuża wkoll biex jiġi kkalkulat l-iffrankar iddikjarat mill-partijiet obligati. Għandhom japplikaw il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fl-Anness IV.
4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi ta' kejl, kontroll u verifika fejn mill-inqas jiġi vverifikat proporzjon statistikament sinifikanti u kampjun rappreżentattiv tal-miżuri għal titjib tal-effiċjenza fl-enerġija stabbiliti mill-partijiet obligati. Dan il-kejl, kontroll u verifika għandhom jitwettqu indipendentement mill-partijiet obligati.

5. Fl-iskema ta' obbligi ta' effiċjenza fl-enerġija, l-Istati Membri:
- (a) [imħassar]
 - (b) jistgħu jħallu lill-partijiet obligati jgħoddu mal-obbligu tagħhom l-iffrankar tal-enerġija ċċertifikat miksub minn fornituri ta' servizzi tal-enerġija jew partijiet terzi oħrajn inkluż meta partijiet obligati jippromwovu miżuri permezz ta' korpi oħrajn approvati mill-Istat jew permezz ta' awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jkunu jinvolvu jew ma jinvolvux sħubijiet formali u jistgħu jkunu kkombinati ma' sorsi oħra ta' finanzjament. Fejn l-Istati Membri jippermettu dan, huma għandhom jiżguraw li jkun stabbilit proċess ta' approvazzjoni li jkun ċar, trasparenti u miftuħ għall-atturi kollha tas-suq, u jkollu l-għan li jimminimizza l-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni.
6. Darba fis-sena, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-iffrankar tal-enerġija miksub minn kull parti obligata, jew kull sottokategorija ta' parti obligata, u b'kollox taħt l-iskema.

Artikolu 7b

Miżuri ta' politika alternattivi

1. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jissodisfaw l-obbligi tagħhom biex jiksbu l-iffrankar skont l-Artikolu 7(1) permezz ta' miżuri ta' politika alternattivi huma għandhom jiżguraw li l-iffrankar tal-enerġija meħtieġ skont l-Artikolu 7(1) jinkiseb fost il-klijenti aħħarin.
2. [imħassar]
3. Għall-miżuri kollha għajr dawk li jirrelataw ma' miżuri ta' tassazzjoni, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi ta' kejl, kontroll u verifika li taħtom tal-inqas jiġu vverifikati l-proporzjon statistikament sinifikanti u l-kampjun rappreżentattiv tal-miżuri għal titjib tal-effiċjenza fl-enerġija stabbiliti mill-partijiet parteċipanti jew inkarigati. Dawn il-kejl, kontroll u verifika għandhom jitwettqu indipendentement mill-partijiet parteċipanti jew inkarigati.";

(5) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Kejl tal-konsum għall-gass";

(b) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej;

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sa fejn huwa teknikament possibbli, raġonevoli mil-lat finanzjarju u proporzjonat fir-rigward tal-iffrankar potenzjali tal-enerġija, il-klijenti aħħarin tal-gass naturali jingħataw arloġġi individwali bi prezz kompetittiv li jirriflettu b'mod preċiż il-konsum proprju ta' enerġija tal-klijent aħħari u li jagħtu informazzjoni dwar il-ħin reali tal-użu.";

(c) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej;

(i) il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Meta, u sa fejn, l-Istati Membri jimplimentaw sistemi ta' kejl intelliġenti tal-konsum u jintroduċu arloġġi intelliġenti għall-gass naturali f'konformità mad-Direttiva 2009/73/KE.";

(ii) il-punti (c) u (d) jitħassru;

(d) il-paragrafu 3 jitħassar;

(6) l-Artikoli 9a, 9b u 9c li ġejjin għandhom jiddaħħlu:

Kejl tal-konsum għat-tisħin, it-tkessiħ u l-ilma sħun domestiku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti aħħarin tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali u tal-ilma sħun domestiku jingħataw arloġġi bi prezz kompetittiv li jirriflettu b'mod preċiż il-konsum finali reali ta' enerġija mill-klijent.

Fejn it-tisħin, it-tkessiħ jew l-ilma sħun ikunu pprovduti lil bini minn sors ċentrali li jaqdi għadd ta' bini jew minn netwerk ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali, għandu jiġi installat arloġġ fejn isir l-iskambju tas-sħana jew fil-punt ta' konsenja.

Kejl separat tal-konsum u allokazżjoni tal-ispiża għat-tisħin, it-tkessiħ u l-ilma sħun domestiku

1. F'binjiet b'aktar minn appartament wieħed u b'diversi użi b'sors ċentrali ta' tisħin jew tkessiħ jew fornuti minn sistemi ta' tisħin u tkessiħ distrettwali, għandhom jiġu installati arloġġi individwali biex ikejlu l-konsum tat-tisħin jew tat-tkessiħ jew tal-ilma sħun għal kull unità tal-bini, fejn teknikament fattibbli u kosteffettiv li jkun proporzjonali fir-rigward tal-iffrankar tal-enerġija potenzjali.

Fejn l-użu ta' arloġġi individwali ma jkunx teknikament fattibbli jew fejn ma jkunx kosteffiċjenti li jitkejlu t-tisħin f'kull unità ta' bini, għandhom jintużaw allokatari individwali tal-ispiża tat-tisħin biex jitkejjel il-konsum tat-tisħin f'kull radjatur dment li l-Istat Membru inkwistjoni ma jurix li l-installazzjoni ta' tali allokatari tal-ispiża tat-tisħin ma tkunx kosteffiċjenti. F'dawk il-każijiet, jistgħu jiġu kkunsidrati metodi kosteffiċjenti alternattivi ta' kejl tal-konsum tas-sħana. Il-kriterji ġenerali, il-metodoloġiji u/jew il-proċeduri biex jiġu determinati n-nuqqas ta' fattibbiltà teknika u tan-nuqqas ta' kosteffettività għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar u ppubblikati minn kull Stat Membru.

2. F'bini ġdid b'aktar minn appartement wieħed u fil-parti residenzjali ta' bini ġdid b'diversi użi, fejn dawn ikollhom sors ċentrali ta' tisħin għall-ilma sħun jew huma fornuti minn sistemi ta' tisħin distrettwali, arloġġi individwali għandhom, minkejja l-paragrafu 1, jiġu provduti għall-ilma sħun.

3. Fejn binjiet b'aktar minn appartement wieħed u b'diversi użi huma moqdija minn tisħin jew tkessiġ distrettwali, jew fejn is-sistemi komuni tagħhom ta' tisħin jew tkessiġ għal tali bini jkunu prevalenti, l-Istati Membri għandhom jagħmlu pubbliku b'mod trasparenti kwalunkwe regoli nazzjonali applikabbli dwar l-allokazzjoni tal-ispiża tat-tisħin, it-tkessiġ u l-konsum tal-ilma sħun f'tali bini biex tiġi żgurata t-trasparenza u l-preċiżjoni tal-kontijiet tal-konsum individwali. Fejn ikun xieraq, tali regoli għandhom jinkludu linji gwida dwar il-mod ta' allokazzjoni tal-ispiża tas-sħana u/jew tal-ilma sħun li huwa użat kif ġej.

- (a) ilma sħun għall-ħtiġijiet domestiċi;
- (b) sħana mormija mill-installazzjoni tal-bini u għall-iskop tat-tisħin taż-żoni komuni (fejn it-taraġ u l-kuritur jkunu mġammra b'radjaturi);
- (c) għall-iskop tat-tisħin ta' appartamenti.

'Artikolu 9c

Rekwiżit ta' qari mill-bogħod

1. Għall-finijiet tal-Artikoli 9a u 9b, l-arloġġi u l-allokaturi tal-ispiża tas-sħana installati fl-1 ta' Jannar 2020 [jew fid-data ta' traspożizzjoni jekk dik id-data tkun aktar tard] għandhom ikunu apparati li jinqraw mill-bogħod. Il-kundizzjonijiet ta' fattibilità teknika u kosteffettività stipulati fl-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 9b(1) għandhom jibqgħu japplikaw.

2. L-arloġġi u l-allokaturi tal-ispiża tas-sħana li diġà ġew installati imma li ma jinqrawx mill-bogħod għandhom jiġu pprovduti b'din il-kapaċità jew jiġu ssostitwiti b'apparati li jinqraw mill-bogħod sa xxxx [għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], ħlief fejn l-Istat Membru inkwistjoni juri li dan mhuwiex kosteffiċjenti." ;

(7) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Informazzjoni dwar il-kontijiet għall-gass";

(b) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. Meta l-klijenti aħħarin ma jkollhomx l-arloġġi intelliġenti kif imsemmi fid-Direttiva 2009/73/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, sal-31 ta' Diċembru 2014, li l-informazzjoni dwar il-kontijiet tkun preċiża u bbażata fuq il-konsum proprju, f'konformità mal-punt 1.1 tal-Anness VII, għall-gass, fejn dan ikun teknikament possibbli u ekonomikament iġġustifikat.';

(c) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej: '

'L-arloġġi installati skont id-Direttiva 2009/73/KE għandhom jippermettu informazzjoni preċiża dwar kontijiet ibbażata fuq il-konsum effettiv. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti aħħarin ikollhom il-possibbiltà ta' aċċess faċli għal informazzjoni komplementari dwar il-konsum storiku li jippermettu verifiki proprji dettaljati.';

(8) jiddaħħal l-Artikolu 10a li ġej:

'Artikolu 10a

Informazzjoni dwar il-kontijiet u l-konsum għat-tisħin, it-tkessiġ u l-ilma sħun domestiku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn l-arloġġi jew l-allokaturi tal-ispiża tat-tisħin huma installati, il-kontijiet u l-informazzjoni dwar il-konsum ikunu preċiżi u bbażati fuq il-konsum effettiv jew il-qari tal-allokaturi tal-ispiża tas-sħana, f'konformità mal-punti 1 u 2 tal-Anness VIIa għall-utenti aħħarin kollha, jiġifieri, għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jixtru t-tisħin, it-tkessiġ jew l-ilma sħun għall-użu proprju tagħhom, jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jokkupaw bini individwali jew unità f'bini b'aktar minn appartament wieħed jew f'bini b'diversi użi fornut b'tisħin, tkessiġ jew ilma sħun minn sors ċentrali li ma għandu ebda kuntratt dirett jew individwali mal-fornitur tal-enerġija.

Dan l-obbligu jista', fejn Stat Membru jipprevedi għal dan, u ħlief fil-każ ta' konsum b'kejl separat tal-konsum ibbażat fuq allokatari tal-ispiża tas-sħana skont l-Artikolu 9b, jiġi ssodisfat minn sistema ta' qari proprju regolari mill-klijent aħħari jew mill-utent aħħari fejn jikkomunika l-qari mill-arloġġ tiegħu. Biss f'każijiet meta l-klijent aħħari jew l-utent aħħari ma jkunx iġġudva qari mill-arloġġ għal perijodu partikolari ta' kontijiet, il-kontijiet għandhom ikunu bbażati fuq konsum stmat jew rata fissa.

L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu min għandu jkun responsabbli biex jipprovdli l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lil dawk l-utenti aħħarin li ma jkollhom ebda kuntratt dirett jew individwali ma' fornitur tal-enerġija.

2. L-Istati Membri:

- (a) għandhom jirrikjedu li, jekk l-informazzjoni dwar il-kontijiet tal-enerġija u l-konsum storiku jew il-qari tal-allokatur tal-ispiża tas-sħana tal-utenti aħħarin tkun disponibbli, din issir disponibbli fuq talba mill-utent aħħari, għal fornitur ta' servizz tal-enerġija magħżul mill-utent aħħari;
- (b) għandhom jiżguraw li l-klijenti aħħarin jkun offrut l-għażla ta' informazzjoni dwar il-kontijiet u kontijiet elettroniċi u li jirċievi, fuq talba, spjegazzjoni ċara u li tiftiehem ta' kif il-kont tiegħu nħadem, speċjalment fejn il-kontijiet ma jkunux ibbażati fuq il-konsum reali;
- (c) għandhom jiżguraw li informazzjoni xierqa tingħata mal-kont ibbażat fuq il-konsum reali jew il-qari tal-allokatur tal-ispiża tas-sħana lill-utenti aħħarin kollha f'konformità mal-punt 3 tal-Anness VIIa;
- (d) jistgħu jipprovdli li, fuq talba tal-klijent aħħari, l-għoti ta' informazzjoni dwar il-kontijiet ma jkollhiex titqies li tikkostitwixxi talba għall-ħlas. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu offruti arranġamenti flessibbli għall-ħlas reali.";

(9) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Spiża tal-aċċess għal informazzjoni dwar kejl tal-konsum u kontijiet għall-gass";

(b) il-paragrafu 2 jitħassar;

(10) għandu jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

'Artikolu 11a

Spiża tal-aċċess għall-kejl tal-konsum u l-kontijiet u informazzjoni dwar il-konsum għat-tisħin, it-tkessi u l-ilma sħun domestiku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti aħħarin jirċievu l-kontijiet u l-informazzjoni kollha dwar il-kontijiet għal konsum tal-enerġija mingħajr ħlas u li l-utenti aħħarin ukoll ikollhom aċċess għad-data dwar il-konsum tagħhom b'mod adegwat u mingħajr ħlas.
2. Minkejja l-paragrafu 1, id-distribuzzjoni tal-ispejjeż tal-informazzjoni dwar il-kontijiet għall-konsum individwali tat-tisħin, it-tkessi u l-ilma sħun f'bini b'aktar minn appartament wieħed u daww b'diversi użi skont l-Artikolu 9b għandha ssir mingħajr profitt. L-ispejjeż li jirriżultaw mill-assenjament ta' dan il-kompitu lil parti terza, bħal fornitur ta' servizz jew il-fornitur lokali tal-enerġija, li jkopri l-kejl, l-allokazzjoni u l-kontabbiltà għall-konsum individwali reali f'tali bini, jistgħu jingħaddu lill-utenti aħħarin, sa fejn tali spejjeż ikunu raġonevoli.";
3. Sabiex jiġi żgurat li spejjeż raġonevoli għas-servizzi ta' kejl separat tal-konsum kif imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jstimulaw il-kompetizzjoni f'dan is-settur ta' servizzi billi jieħdu miżuri xierqa, bħal pereżempju billi jirrakkomandaw jew jippromwovu b'xi mod ieħor l-użu ta' sejħiet għal offerti u/jew l-użu ta' apparati interoperabbli biex jiffaċilitaw il-bdil bejn fornituri ta' servizzi.

(11) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (5) huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel u t-tieni subparagrafi jitħassru;

(ii) it-tielet subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"L-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni għandhom ikunu konformi mar-rekwiżit stabbilit fl-Anness XII.";

(b) il-paragrafu 8 jitħassar;

(11a) Fl-Artikolu 20(6), ir-referenza għall-Artikolu 7(1) hija emendata għall-Artikolu 7a.

(12) l-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 22 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mill-4 ta' Diċembru 2017. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport b'rabta mad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi ta' durata identika, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonaw għal tali estensjoni sa mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.";

(v) jizzied il-paragrafu 4 li ġej:

'(4). Qabel l-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016."

(c) il-paragrafi 4 u 5 huma nnumerati mill-ġdid rispettivament bħala l-paragrafi 5 u 6';

(13) fl-Artikolu 24, jiżdied il-paragrafu 12 li ġej:

'12. Il-Kummissjoni għandha tevalwa din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2024, u kull ħames snin minn dik id-data 'l quddiem, u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu, b'mod partikolari, jeżamina jekk għandhiex tinbidel id-data finali stabbilita fl-Artikolu 7(1)(b) u jekk għandhomx jiġu adattati r-rekwiżiti u l-approċċ alternattiv stipulati fl-Artikolu 5 wara l-2030. Dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposti għal aktar miżuri.'";

(14) l-Annessi huma emendati skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn XXXX [*Jekk jogħġbok daħħal id-data 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ*]. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

għall-Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda
d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija

ANNESS

1. L-Annessi IV u V huma emendati kif ġej:

- (a) fl-Anness IV, in-nota ta' qiegħ il-paġna 3 qed tinbidel b'dan li ġej: "(3) Applikabbli meta l-iffrankar tal-enerġija jiġi kkalkulat f'termini ta' enerġija primarja fejn jintuża approċċ minn isfel għal fuq ibbażat fuq il-konsum tal-enerġija finali. Għall-iffrankar f'kWh tal-elettriku, l-Istati Membri jistgħu japplikaw koeffiċjent awtomatiku ta' 2,0. L-Istati Membri jistgħu japplikaw koeffiċjent differenti bil-kundizzjoni li jkunu jistgħu jiġġustifikawh."
- (b) l-Anness V qed jinbidel b'dan li ġej:

'Anness V

Metodi u prinċipji komuni biex jiġi kkalkulat l-impatt tal-iskemi tal-obbligu ta' effiċjenza fl-enerġija jew ta' miżuri oħrajn ta' politika skont l-Artikoli 7(1) u (2), l-Artikoli 7a u 7b u l-Artikolu 20(6):

- 1. Il-metodi biex jiġi kkalkulat l-iffrankar tal-enerġija minbarra dawk li jirriżultaw minn miżuri ta' tassazzjoni għall-finijiet tal-Artikoli 7(1) u (2), tal-Artikoli 7a u 7b u tal-Artikolu 20(6).

Il-partijiet obbligati, parteċipanti jew fdati jew l-awtoritajiet pubbliċi implimentattivi jistgħu jużaw il-metodi li ġejjin biex jikkalkulaw l-iffrankar tal-enerġija:

- (a) iffrankar stmat, b'referenza għar-riżultati ta' titjib enerġetiku preċedenti mmonitorjat b'mod indipendenti f'installazzjonijiet simili. L-approċċ ġeneriku jissejjaħ 'ex-ante';

- (b) iffrankar imkejjel bl-arloġġi, fejn l-iffrankar mill-installazzjoni ta' miżura, jew ta' pakkett ta' miżuri, jiġu ddeterminati permezz tar-reġistrazzjoni tat-tnaqqis proprju fl-użu tal-enerġija, filwaqt li jitqiesu fatturi bħall-addizzjonalità, l-okkupazzjoni tal-bini, il-livelli ta' produzzjoni u t-temp, li jistgħu jaffettwaw il-konsum. L-approċċ ġeneriku jissejjaħ 'ex-post';
 - (c) iffrankar skalat, fejn jintużaw stimi tal-inġinerija tal-iffrankar. Dan l-approċċ jista' jintuża biss fejn l-istabbiliment ta' data mkejla robusta għal installazzjoni speċifika jkun diffiċli jew sproporzjonatament għali, pereżempju s-sostituzzjoni ta' kompressur jew mutur tal-elettriku b'rata ta' kWh differenti minn dak li għalih tkejjlet l-informazzjoni indipendenti dwar l-iffrankar, jew fejn daww l-istimi jsiru fuq il-bażi ta' metodoloġiji u punti ta' riferiment nazzjonali stabbiliti minn esperti kwalifikati jew akkreditati li huma indipendenti mill-partijiet obbligati, parteċipanti jew fdati involuti;
 - (d) iffrankar mistħarreġ, fejn tiġi ddeterminata r-reazzjoni tal-konsumaturi għall-parir, għall-kampanji ta' informazzjoni, għall-iskemi ta' tikkettar jew ta' ċertifikazzjoni jew kejl intelliġenti tal-konsum. Dan l-approċċ jista' jintuża biss għal iffrankar li jirriżulta minn tibdil fl-imġiba tal-konsumatur.
2. Fid-determinazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija għal miżura ta' effiċjenza fl-enerġija għall-fnijiet tal-Artikoli 7(1) u (2), tal-Artikoli 7a u 7b u tal-Artikolu 20(6) għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:
- (a) irid jintwera li l-iffrankar huwa addizzjonali għal dak li kien ser ikun hemm fi kwalunkwe każ mingħajr l-attività tal-partijiet obbligati, parteċipanti jew fdati u/jew tal-awtoritajiet tal-implimentazzjoni. Sabiex jiġi ddeterminat liema ffrankar jista' jitqies bħala addizzjonali, l-Istati Membri għandhom iqisu kif l-użu tal-enerġija u d-domanda ser jevolvu fin-nuqqas tal-miżura ta' politika inkwistjoni;

- (b) l-iffrankar li jirriżulta mill-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni obbligatorja tal-Unjoni jitqies bħala ffrankar li kien ser iseħħ fi kwalunkwe każ, u b'hekk ma jistax jintalab fl-ambitu tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 7. Bħala eċċezzjoni, l-iffrankar marbut mar-rinnovament ta' bini eżistenti jista' jintalab fl-ambitu tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 7, dment li jkun żgurat il-kriterju tal-materjalità msemmi fil-parti 3(h). L-iffrankar li jirriżulta mill-implimentazzjoni ta' rekwiżiti minimi nazzjonali stabbiliti għal bini ġdid qabel it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2010/31/UE jista' jintalab fl-ambitu tal-paragrafu 1(a) tal-Artikolu 7(1)(a), dment li jkun żgurat il-kriterju ta' materjalità msemmi fil-parti 3(h).
- (c) jista' jingħata kreditu biss għall-iffrankar li jaqbeż il-livelli li ġejjin:
- (i) l-istandards tal-Unjoni għall-prestazzjoni dwar l-emissjonijiet għal karożżi ġodda tal-passiġġieri u għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda wara l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²;
- (ii) ir-rekwiżiti tal-Unjoni relatati mat-tneħħija mis-suq ta' ċerti prodotti relatati mal-enerġija wara l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni skont id-Direttiva 2009/125/KE.
- (d) il-politiki li jimmiraw li jinkoraġġixxu effiċjenza fl-enerġija oġhla tal-prodotti, tat-tagħmir, tal-bini u tal-elementi tal-bini, tal-proċessi jew tas-swieq huma permessi;

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karożżi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi ħfief (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi ħfief (ĠU L 145, 31.5.2011, p. 1).

- (dd) l-iffrankar tal-enerġija li jirriżulta minn miżuri ta' politika li jippromwovu l-installazzjoni ta' teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira fuq jew ġewwa bini huwa eliġibbli, u jista' jiġi kkunsidrat għat-twettiq tar-rekwiżiti ta' ffrankar tal-enerġija skont l-Artikolu 7(1), sakemm dawn jikkontribwixxu għal tnaqqis fil-bejgħ ta' enerġija lill-klijenti aħħarin fil-bini u sal-kwantità ta' volum ta' enerġija primarja ffrankata. Il-kalkolu tal-iffrankar għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness.
- (e) għall-politiki li jaċċelleraw l-adozzjoni ta' prodotti u vetturi aktar effiċjenti, jista' jintalab kreditu sħiħ dment li jintwera li l-adozzjoni sseħħ qabel l-iskadenza tal-ħajja medja mistennija tal-prodott jew tal-vettura, jew qabel ma l-prodott jew il-vettura normalment jiġu sostitwiti, u sakemm l-iffrankar jintalab biss għall-perijodu sa ma tiskadi l-ħajja medja mistennija tal-prodott jew tal-vettura li jridu jiġu sostitwiti;
- (f) fil-promozzjoni tat-teħid ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija, l-Istati Membri għandhom fejn rilevanti, jiżguraw li jinżammu l-istandards ta' kwalità għall-prodotti, għas-servizzi u għall-installazzjoni ta' miżuri, jew li dawn jiġu introdotti fejn ma jeżistux;
- (g) biex iqisu l-varjazzjonijiet klimatiċi bejn ir-reġjuni, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jaġġustaw l-iffrankar għal valur standard jew li jagħtu ffrankar tal-enerġija differenti skont il-varjazzjonijiet fit-temperatura bejn ir-reġjuni;

- (h) il-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija għandu jqis it-tul ta' ħaġġa tal-miżuri. Dan jista' jsir billi jingħadd l-iffrankar li għalih ser twassal kull azzjoni individwali bejn id-data tal-implimentazzjoni tagħha u l-31 ta' Diċembru 2020 jew il-31 ta' Diċembru 2030 kif xieraq. Inkella, l-Istati Membri jistgħu jadottaw metodu ieħor li huwa stmat li jikseb tal-inqas l-istess kwantità totali ta' ffrankar. Meta jużaw metodi oħrajn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont totali ta' ffrankar tal-enerġija kkalkulat bl-użu ta' dawn il-metodi l-oħra ma jaqbiżx l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija li kien jirriżulta mill-kalkolu tagħhom meta jingħadd l-iffrankar li kull azzjoni individwali kienet tikseb bejn id-data ta' implimentazzjoni tagħha u l-31 ta' Diċembru 2020 jew il-31 ta' Diċembru 2030 kif xieraq.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti li ġejjin għall-miżuri ta' politika li ttieħdu skont l-Artikolu 7b u l-Artikolu 20(6) jintlaħqu:
- (a) il-miżuri ta' politika u l-azzjonijiet individwali jipproduċu ffrankar fl-użu aħħari tal-enerġija li jista' jiġi vverifikat;
- (b) ir-responsabbiltà ta' kull parti parteċipanti, ta' kull parti fdata jew ta' kull awtorità pubblika tal-implimentazzjoni, skont liema tkun rilevanti, tiġi definita b'mod ċar;
- (c) l-iffrankar tal-enerġija li jinkiseb jew li għandu jinkiseb jiġi ddeterminat b'mod trasparenti;
- (d) l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ jew li għandu jinkiseb mill-miżura ta' politika jiġi espress fil-konsum finali jew primarju tal-enerġija, bl-użu tal-fatturi ta' konverżjoni mogħtija fl-Anness IV;
- (e) sakemm ikun fattibbli, għandu jingħata rapport annwali dwar l-iffrankar tal-enerġija miksub mill-partijiet fdati, mill-partijiet parteċipanti u mill-awtoritajiet tal-implimentazzjoni u dan għandu jkun disponibbli pubblikament flimkien ma' data dwar ix-xejra annwali ta' ffrankar tal-enerġija;

- (f) ir-riżultati jiġu sorveljati u jittieħdu miżuri xierqa jekk il-progress ma jkunx sodisfaċenti;
 - (g) l-iffrankar minn azzjoni individwali ma jistax jintalab minn iktar minn parti waħda;
 - (h) għandu jintwera li l-attivitajiet tal-parti parteċipanti, tal-parti fdata jew tal-awtorità pubblika tal-implimentazzjoni jirriżultaw fil-kisba tal-iffrankar mitlub.
4. Fid-determinazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' politika relatati mat-tassazzjoni introdotti skont l-Artikolu 7b, għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:
- (a) għandu jingħata kreditu biss għall-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' tassazzjoni li jaqbżu l-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-fjuwils kif meħtieġ fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE¹ jew fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE²;
 - (b) il-flessibbiltà tal-prezz għall-kalkolu tal-impatt tal-miżuri tat-tassazzjoni (fuq l-enerġija) għandha tirrappreżenta r-rispons fuq żmien qasir u fit-tul tad-domanda għall-enerġija għall-bidliet fil-prezzijiet, u għandha tiġi stmata abbażi ta' sorsi ta' data uffiċjali reċenti u rappreżentattivi;
 - (c) l-iffrankar tal-enerġija minn strumenti ta' politika tat-tassazzjoni li jakkumpanjawhom, inkluż inċentivi fiskali jew pagament għal fond, għandu jitqies separatament.
5. Notifika tal-metodoloġija

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-metodoloġija dettaljata proposta tagħhom għat-tħaddim tal-iskemi ta' obbligi ta' effiċjenza fl-enerġija u tal-miżuri alternattivi msemmija fl-Artikoli 7a u 7b u fl-Artikolu 20(6). Minbarra fil-każ tat-taxxi, notifika bħal din għandha tinkludi dettalji ta':

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51).

² Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

- (a) il-livell tar-rekwiżit tal-iffrankar tal-enerġija jew l-iffrankar mistenni li għandu jinkiseb fuq il-perijodu sħiħ mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030;
- (b) il-partijiet obbligati, parteċipanti jew fdati, jew l-awtoritajiet pubbliċi tal-implimentazzjoni;
- (c) is-setturi fil-mira;
- (d) il-miżuri ta' politika u l-azzjonijiet individwali previsti mill-miżura ta' politika, inkluż l-ammont kumulattiv totali mistenni tal-iffrankar għal kull miżura;
- (e) it-tul tal-perijodu ta' obbligu għall-iskema ta' obbligi ta' effiċjenza fl-enerġija;
- (f) l-azzjonijiet previsti mill-miżura ta' politika;
- (g) il-metodoloġija tal-kalkolu, inkluż kif ġew iddeterminati l-addizzjonalità u l-materjalità u liema metodoloġiji u punti ta' riferiment qed jintużaw għall-iffrankar stmat u għall-iffrankar skalat;
- (h) it-tul ta' ħaġġa tal-miżuri u kif dan jiġi kkalkulat jew fuq xiex inhu bbażat;
- (i) l-approċċ meħud biex jiġu indirizzati l-varjazzjonijiet klimatiċi fl-Istat Membru;
- (j) is-sistemi tal-monitoraġġ u tal-verifika għall-miżuri meħudin skont l-Artikoli 7a u 7b u kif tiġi żgurata l-indipendenza tagħhom mill-partijiet obbligati, parteċipanti jew fdati;
- (k) fil-każ tat-taxxi, in-notifika għandha tinkludi dettalji ta':
 - (i) is-setturi u t-taqsimi ta' min iħallas it-taxxa fil-mira;
 - (ii) l-awtorità pubblika tal-implimentazzjoni;
 - (iii) l-iffrankar li mistenni jinkiseb;

(iv) it-tul ta' żmien tal-miżura tat-tassazzjoni; u

(v) il-metodoloġija tal-kalkolu, inkluż liema flessibbiltà tal-prezz qed tintuża u kif din ġiet stabbilita.";

2. L-Anness VII huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Rekwiżiti minimi għall-kontijiet u informazzjoni fil-kontijiet ibbażata fuq il-konsum proprju tal-gass";

(b) qed jiddaħħal l-Anness VIIa li ġej:

'Anness VIIa

Rekwiżiti minimi għall-kontijiet u informazzjoni fil-kontijiet għat-tisħin, it-tkessiħ u l-ilma sħun

1. Il-kontijiet ibbażati fuq il-konsum proprju jew il-qari tal-allokatur tal-ispiża tas-sħana

Sabiex l-utenti aħħarin jkunu jistgħu jirregolaw il-konsum tagħhom tal-enerġija, il-kontijiet għandhom isiru abbażi tal-konsum proprju jew il-qari tal-allokatur tal-ispiża tas-sħana tal-inqas darba fis-sena.

2. Frekwenza minima tal-kontijiet jew tal-informazzjoni dwar il-konsum

Minn [XXX date of transposition] fejn ikunu ġew installati arloġġi li jinqraw mill-bogħod jew allokaturi tal-ispiża tas-sħana, il-kontijiet jew l-informazzjoni dwar il-konsum ibbażata fuq il-konsum proprju jew il-qari tal-allokatur tal-ispiża tas-sħana għandhom ikunu disponibbli tal-inqas kull tliet xhur fuq talba jew fejn il-konsumaturi finali jkunu għażlu li jirċievu kont elettroniku, jew inkella darbtejn fis-sena.

Mill-1 ta' Jannar 2022, fejn ikunu ġew installati arloġġi li jinqraw mill-bogħod jew allokaturi tal-ispiża tas-sħana, il-kontijiet jew l-informazzjoni dwar il-konsum ibbażati fuq il-konsum proprju jew il-qari tal-allokatur tal-ispiża tas-sħana għandhom ikunu disponibbli tal-inqas kull xahrejn. It-tisħin u t-tkessiġi jistgħu jkunu eżentati minn dan ir-rekwiżit barra l-istaġun tat-tisħin jew tat-tkessiġi.

3. Informazzjoni minima inkluża fil-kont ibbażata fuq il-konsum proprju jew il-qari tal-allokatur tal-ispiża tas-sħana

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li ġejja tkun disponibbli għall-utenti aħħarin f'termini ċari u li jinftiehem fil-kontijiet tagħhom jew li din tkun meħmuża magħhom abbażi tal-konsum reali jew tal-qari tal-allokatur tal-ispiża tas-sħana:

- (a) il-prezzijiet proprji attwali u l-konsum proprju jew l-ispiża totali tas-sħana u l-qari tal-allokatur tal-ispiża tas-sħana;
- (b) l-informazzjoni dwar it-taħlita tal-fjuwils użata, inkluż għall-utenti aħħarin forniti b'tisħin jew bi tkessiġi distrettwali;
- (c) il-paraguni tal-konsum kurrenti tal-enerġija tal-utenti aħħarin mal-konsum għall-istess perijodu fis-sena preċedenti f'forma grafika, bil-korrezzjonijiet tal-klima għat-tisħin u għat-tkessiġi;
- (d) l-informazzjoni ta' kuntatt għall-organizzazzjonijiet tal-klijenti aħħarin, għall-aġenziji tal-enerġija jew għal korpi simili, inkluż l-indirizzi tas-siti elettroniċi minn fejn tista' tinkiseb informazzjoni dwar il-miżuri disponibbli għal titjib tal-effiċjenza fl-enerġija, il-profil komparattivi tal-utenti aħħarin u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi oġġettivi għal tagħmir li juża l-enerġija.

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-paraguni ma' utent aħħari medju normalizzat jew skont parametri ta' referenza fl-istess kategorija tal-utenti jsiru disponibbli għall-utenti aħħarin f'termini ċari u li jinftiehem fil-kontijiet tagħhom jew fid-dokumenti meħmużin magħhom abbażi tal-konsum reali jew tal-qari tal-allokatur tal-ispiża tas-sħana."